MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2004

Citazzjoni Numru. 2195/2000/1

**Emmanuel u Luigia konjugi Spagnol**

**Vs**

**Alexander Cachia Zammit;**
**u**
**Dr. Joseph M. Sammut u l-P.L. Hilda Ellul Mercer li b'digriet tas-27 ta' Ottubru, 2000 gew nominati kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw il-wirt battal ta' Catherine Ellul; u Dr. Joseph M. Sammut u l-P.L. Hilda Ellul Mercer li b`digriet tas-27 ta' Ottubru, 2000 gew nominati kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw il-wirt battal ta' Angela Mifsud.**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha l-atturi ppremettew illi l-partijiet huma sidien flimkien f'ishma indivizi tad-dar li ggib in-numru erbgha u hamsin (54), Triq Villa Cagliares, Zejtun;

Premess illi l-atturi ma jixtiqux jibqghu in komproprjeta' flimkien mal-konvenuti;

Premess illi l-proprjeta' msemmija ma tistax tigi diviza bla xkiel u bla hsara;

Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna:

1. Tiddikjara l-ishma ndivizi rispettivi tal-partijiet fid-dar li ggib in-numru erbgha u hamsin (54), Triq Villa Cagliares, Zejtun; u

2. Tordna l-bejgh in licitazzjoni ta' l-istess dar u tiffissa gurnata, hin u lok ghal tali bejgh taht l-awtorita' tal-Qorti, billi taghti dawk id-direttivi u provvedimenti li jidhrulha opportuni.

3. Tordna l-qsim u d-distribuzzjoni tar-rikavat tal-bejgh in licictazzjoni mitlub a tenur tat-tieni talba u dan skond id-dikjarazzjoni tal-ishma maghmula in konsegwenza tal-ewwel talba.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi a fol. 3 tal-process;

Rat in-**nota ta' l-eccezzjonijiet ta' Dr. Joseph M. Sammut a fol. 32 tal-process fejn eccepixxa:**

1. Illi huwa ma hux edott mill-fatti u jirrizerva li jipprezenta eccezzjonijiet ohra fi stadju ulterjuri.

2. Illi huwa jitlob li jigi mghoddi dik l-informazzjoni kollha li tista' tkun f'idejn l-atturi sabiex ikun jista' jistabilixxi kuntatt ma' l-istess konvenuti.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat in**-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Dr. Alexander Cachia Zammit a fol. 38 tal-process fejn eccepixxa:**

1. Illi, preliminarjament, l-azzjoni attrici kif dedotta hija nsostenibbli, billi hija mankanti mit-talba necessarja, ai termini tal-artikolu 515 tal-Kap. 16, ghall-ezami u konsegwenti dikjarazzjoni dwar jekk il-beni in komun jistghux jigu maqsuma bla xkiel u bla hsara – minghajr liema ezami preliminari ma tista' qatt tirnexxi t-talba ghall-bejgh b'licitazzjoni;

2. Illi, preliminarjament ukoll, izda minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-azzjoni attrici kif intavolata hija daqstant insostenibbli, billi ma tinkludix talba *ad hoc* ghall-qasma tal-prezz talvolta derivat mill-bejgh b'licitazzjoni – liema talba ghandha *del resto* tikkostitwixxi l-iskop principali ta' din l-azzjoni;

3. Illi, fuq il-meritu, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-atturi ghandhom jippruvaw qabel xejn illi l-wirt ta' Catherine Ellul u dak ta' Angela Mifsud huma effettivament battala;

4. Illi minghajr pregudizzju ghal kull eccezzjoni hawn fuq sollevata, l-esponent jitlob li jirrileva illi huwa qatt ma oppona ghall-qasma tal-proprjeta' meritu tal-kawza odjerna, u ghalhekk l-esponent jeccepixxi ulterjorment illi huwa ma ghandhux jigi kkundannat ibati l-ispejjez tal-proceduri odjerni jew ta' atti konnessi u sussegwenti;

5. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-digriet a fol. 47;

Rat il-verbal a fol. 55;

Rat id-digriet a fol. 55 li bih gie nominat il-Perit A. Stivala;

Rat ir-relazzjoni ta' l-imsemmi Perit a fol.  75;

Rat il-verbal a fol. 80;

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi skond il-verbal a fol. 47 il-konvenut Alexander Cachia Zammit irtira l-ewwel u t-tieni eccezzjoni tieghu.

Imbaghad b'verbal iehor a fol. 55 l-atturi iddikjaraw li huma ser joqghodu fuq il-kwota li tmiss illum skond il-kuntratti segwenti:

| | | |
|---|---|---|
| 4/27 | mill kuntratt | Dok ES1 |
| 1/7 | mill-kuntratt | Dok ES2 |
| 1/7 | mill kuntratt | Dok ES3 |
| 2/21 | mill kuntratt | Dok ES4 |
| 1/7 | mill kuntratt | Dok ES5 |

**Total ta' 127/189** u cioe 0.671958

Il-konvenut Alexander Cachia Zammit xehed (ara fol. 59) li hu ghandu sehem ta' **7/36.** Hu kien xtrahom skond kuntratt ta' bejgh datat 26/4/1944 fl-atti tan-Nutar Dr. S. Abela Dok ECZ 1 a fol. 61.

Il-partijiet qablu (ara fol. 55) li **l-fond mhux komodament divizibbli.**

Skond ir-relazzjoni tal-Perit Stivala a fol. 75 il-fond in kwistjoni ghandu valur ta' Lm8,500.

Dr. Sammut ghall-konvenut Cachia Zammit iddikjarat li hija taqbel ma l-istima tal-perit (ara fol. 80).

Fir-raba' eccezzjoni tieghu l-konvenut Cachia Zammit eccepixxa li huwa qatt ma oppona ghall-qasma tal-proprjeta' mertu tal-kawza odjerna (fol. 39).

Illi mill-provi prodotti jirrizulta, u dana mhux kontestat, li l-atturi ghandhom 127/189 mentri l-konvenut Cachia Zammit ghandu 7/36. Il-kuraturi ma gabux provi dwar is-sehem tar-rapprezentati taghhom.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi il-Qorti tiddeciedi billi
Tiddikjara li l-atturi ghandhom sehem ta’ 127/189 mentri l-konvenut Cachia Zammit ghandu 7/36 mid-dar li ggib in-numru erbgha u hamsin (54), Triq Villa Cagliares, Zejtun;

tordna l-bejgh in licitazzjoni ta’ l-istess dar taht l-awtorita’ tal-Qorti,

Tordna l-qsim u d-distribuzzjoni tar-rikavat tal-bejgh in licitazzjoni mitlub a tenur tat-tieni talba u dan skond id-dikjarazzjoni tal-ishma maghmula in konsegwenza tal-ewwel talba b’dan li r-rimanenti parti tar-rikavat li jifdal jmiss lill kuraturi li jirrapprezentaw il-wirt battal;

Spejjez kull hadd skond is-sehem tieghu.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------